

Iż-żieda fil-parteciġazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol u t-tneħħija tad-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel ser ikollha impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku fl-Unjoni Ewropea (UE). Minkejja titjib reċenti, għad hemm disparità persistenti bejn is-sessi fl-attività u fil-paga tas-suq tax-xogħol¹, li jwasslu għal rati ta' impjeg aktar baxxi għan-nisa, u potenzjalment jillimitaw it-tkabbir tal-UE. Huwa kruċjali li dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati sabiex tintlaħaq il-mira tal-Ewropa 2020 li tinkiseb rata ta' impjeg globali tan-nisa u l-irġiel ta' mill-anqas 75 % sal-2020.


Studju mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) dwar "il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi" iressaq evidenza robusta li turi l-impatti pożittivi tat-tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol.

Miżuri ta' ugwaljanza bejn is-sessi li jistgħu jnaqqsu d-disparitajiet bejn is-sessi jinkludu:

- li jiġi pprovdut indukrar tat-tfal u l-għoti ta' kura oħra;
- bidliet fil-paga u fil-kundizzjonijiet tal-liv tal-ġenituri;
- il-promozzjoni u s-sostenn ta' arranġamenti ta' xogħol part-time u flessibbli;
- dispożizzjonijiet u politiki legali dwar paga u kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali;
- it-tneħħija tas-segregazzjoni tas-sessi fis-setturi u l-impjegi kollha;
- tnaqqis fin-numru ta' waqfiet fil-karriera fost in-nisa;
- promozzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet għolja.

It-tneħħija tal-inugwaljanzi bejn is-sessi fl-attività u l-paga tas-suq tax-xogħol tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku

Figura 1. L-effett tat-tneħħija tad-disparità tal-attività fuq l-impjegi



¹ Ir-rata ta' attività tas-suq tax-xogħol hija l-perċentwal ta' persuni attivi fil-forza tax-xogħol (li qed jaħdmu jew ifittxu impjeg) fir-rigward ta' dak li hu komparabbli



It-tneħħija tad-disparità tar-rata ta' attività żżid b'mod sinifikanti l-livell ta' impjieg. L-istudju jipprevedi żieda ta' bejn 3.5 miljun u 6 miljun impjieg fl-2050, riżultat ta' aktar nisa li jidħlu fil-forza tax-xogħol. Żieda fil-provvista ta' xogħol ser tippermetti wkoll lil setturi li qabel kellhom xogħol limitat (eż. minħabba nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa) iżidu l-prodott potenzjali².


Meta mqabbel mal-effetti tat-tneħħija tad-disparità bejn ir-rata ta' attività, l-effetti tat-tneħħija tad-disparità fil-paga fuq l-impjieg ta' nisa huma relattivament żgħar. Minn naħa, ir-rati ta' paga aktar għoljin inizjalment iħeġġu aktar nisa sabiex jidħlu fis-suq tax-xogħol, li jwassal għal żieda fil-produttività u r-rati ta' impjieg. Min-naħa l-oħra,

kostijiet tax-xogħol aktar għoljin x'aktarx iwasslu lid-ditti biex inaqqsu d-domanda tagħhom għax-xogħol u joffru anqas impjieg.

Madankollu, żieda fis-salarji tan-nisa tikkontribwixxi għal tnaqqis fid-disparità fir-rata ta' attività, u possibbilment hija responsabbli għal parti mill-effetti pożittivi ta' impjieg assoċjati mat-titjib tal-attività tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

L-impatti fuq il-PDG per capita huma l-akbar meta d-disparità fir-rata ta' attività tonqos. Il-PDG per capita stmat li ser jiżdied b'0.8–1.5 % fl-2030 u b'3.2–5.5 % fl-2050 (żieda fil-PDG sa EUR 280 biljun sal-2030 u sa EUR 1 490 biljun sal-2050).

Figura 2. L-effett tat-tneħħija tad-disparità fl-attività fuq il-PDG per capita




Titjib fl-ugwaljanza fil-pagi twassal għal żieda ta' 0–0.2 % fil-PDG per capita matul il-perjodu 2030–2050. It-tnaqqis tad-disparità bejn is-sessi fil-paga għandu impatt baxx fuq il-PDG minħabba impatti makroekonomiċi opposti. Filwaqt li pagi ogħla għan-nisa jġġeneraw żieda fid-dħul u l-infiq reali tal-unitajiet domestiċi, iżidu wkoll il-kostijiet li jaffaċċjaw id-ditti. Biż-żmien, id-ditti jżidu l-prezzijiet sabiex il-marġini ta' profitt tagħhom jerġgħu jġibuhom għal dawk li kienu, li jnaqqas id-dħul reali tal-unitajiet domestiċi u jagħmel pressjoni 'l isfel fuq l-outputs u l-PDG minn madwar l-2040 'il quddiem.

Fokus fuq il-PDG biss x'aktarx jostkura impatti pożittivi oħra tat-tneħħija tad-disparitajiet fil-paga. Żieda fis-salarji tan-nisa x'aktarx tbaxxi r-rati tal-faqar fost in-nisa u tnaqqas id-disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet tax-xjuħija (EIGE, 2016). Tnaqqis tad-disparità fil-paga jista' wkoll iżid il-kunfidenza tan-nisa u jippermettilhom jiksbu aktar responsabbiltà fuq ix-xogħol u jipprograsaw għal pozzizzjonijiet ta' tmexxija (Booth, 2003). Fil-qosor, it-trawwim ta' parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-iżgurar ta' ugwaljanza fil-paga huma kruċjali sabiex tinkiseb rata ta' impjieg globali ta' nisa u rġiel ta' mill-anqas 75 % u sabiex tingħata spinta lit-tkabbir inklużiv, intelliġenti u sostenibbli.

² Il-prodott potenzjali, jew il-kapaċità produttiva potenzjali tal-ekonomija, jirreferu għall-output ekonomiku massimu meta r-riżorsi kollha jintużaw b'mod sħiħ.

Figura 3. L-effett tat-tneħħija tad-disparità fil-paga bejn is-sessi fuq il-PDG



In-nisa għandhom rati ta' attività u impjieg aktar baxxi u jaqilgħu inqas meta mqabbla mal-irġiel

Ir-rata ta' impjieg tan-nisa madwar l-UE kollha kienet ta' 64.3 % fl-2015, meta mqabbla ma' 75.9 % għall-irġiel³.

In-nisa x'aktarx jagħmlu ħafna iktar xogħol mingħajr ħlas mill-irġiel, inklużi obbligi ta' kura għal tfal u qraha anzjani. Huma jipparteċipaw anqas fis-suq tax-xogħol u/jew jiġu sfurzati jsegwu profil ta' karriera aktar baxxa. Minkejja ż-żieda reċenti madwar l-Ewropa fir-rati ta' attività tan-nisa, id-disparità medja bejn is-sessi fl-UE fir-rati ta' attività għadha 15 %, u d-differenzi fuq livell nazżionali kultant huma ferm akbar. Id-disparitajiet fir-rati ta' attività mba-għad jissarf u f'fir-rati ta' impjieg tan-nisa aktar baxxi.

Fl-2014, id-dħul gross fis-siegħa tan-nisa fl-UE kien, bħala medja, 16.1 % taħt dak tal-irġiel⁴.

L-inugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol taggrava bid-disparità fil-paga bejn is-sessi. Minkejja bidliet teknoloġiċi⁵ u leġiżlazzjoni bil-għan li jggarantixxu paga ugwali għan-nisa u l-irġiel, fis-seklu 21, id-disparità fil-paga bejn

is-sessi tippersisti. Barra minn hekk din tvarja bil-bosta fost l-Istati Membri.

Id-disparitajiet fl-impjieg u l-paga bejn is-sessi jirriżultaw minn bosta inugwaljanzi li jaffettwaw lin-nisa matul ħajjithom.


- i. **Is-segregazzjoni tas-sessi fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol:** in-nisa għandhom it-tendenza jkollhom rappreżentanza għolja f'degrees, programmi ta' taħriġ u impjegji li joffru pagi aktar baxxi minn impjegji li b'mod predominanti jitwettqu mill-irġiel.
- ii. **Segregazzjoni okkupazzjonali,** kemm orizzontali (setturi u impjegji differenti) u vertikali (livelli ta' responsabbiltà jew pożizzjonijiet differenti).
- iii. **Waqfiet fil-karriera** minħabba liv tal-maternità.
- iv. **Diviżjoni irregolari ta' xogħol domestiku u ta' kura mingħajr ħlas:** in-nisa x'aktarx jagħmlu ħafna aktar xogħol mingħajr ħlas mill-irġiel, inklużi

³ L-Eurostat jiddefinixxi r-rata ta' impjieg bħala "il-proporzjon tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol li għandha impjieg". Għal aktar informazzjoni ara http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Employment_statistics.

⁴ NB: Id-data ċċitata hija d-data l-aktar reċenti disponibbli mill-Eurostat meta tħejja l-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni. Għal aktar informazzjoni u aġġornamenti jekk jogħġbok ara: http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Gender_pay_gap_statistics

⁵ Il-progress teknoloġiku fuq il-post tax-xogħol żied il-valur ta' snajja' mhux manwali meta mqabbla ma' dawk manwali, u b'hekk żied il-pagi relattivi tan-nisa (Blackand Spitz-Oener, 2010).

Figura 4. Id-disparità fil-paga bejn is-sessi mhux aġġustata, 2014 (id-differenza bejn id-dħul medju fis-sieġha ta' impjegati rġiel u nisa bħala perċentwal tad-dħul gross tal-irġiel)



Sors: Eurostat (tsdsc340).

obbligazzjonijiet ta' kura tat-tfal u qraba anzjani. Dan jaffettwa l-opportunitajiet tagħhom li jipparteċipaw

fis-suq tax-xogħol u jillimita l-progress fil-karriera tagħhom.

Id-disparitajiet bejn is-sessi fl-impjieg u l-paga jiswew ħafna flus

Il-kost totali ta' rata ta' impjieg aktar baxxa għan-nisa madwar l-UE kien ta' EUR 370 biljun fl-2013, ugwali għal 2.8 % tal-PDG tal-UE.

Il-kost ta' rata ta' impjieg aktar baxxa għan-nisa jiġi kkalkolat billi jiġi inkluż id-dħul u l-kontribuzzjonijiet tal-welfare mitlufa tagħhom, u l-kostijiet ta' finanzjament pubbliku, bħal trasferimenti tal-welfare individwali u benefiċċji soċjali. Skont il-livell ta' edukazzjoni ta' mara, il-kost ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom huwa stmat bejn EUR 1.2 miljun u EUR 2 miljuni (Eurofound, 2016).

Filwaqt li ftit hemm evidenza ta' impatt ekonomiku dirett mid-disparità fil-paga bejn is-sessi, l-istudji juru li l-paga mhux ugwali tan-nisa mhux biss tweġġa' lin-nisa iżda hija wkoll kost għas-soċjetà kollha. Hemm rabta b'saħħitha bejn id-disparità fil-paga bejn is-sessi u l-faqar fost it-tfal, nuqqas ta' ħiliet; u kost għall-ekonomija minħabba n-nuqqas ta' użu tal-ħiliet tan-nisa.

L-inugwaljanzi bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol għandhom effett detrimentali fuq id-dħul tan-nisa, inkluż qliġh u pensjonijiet okkupazzjonali. Dan min-naħa tiegħu, għandu l-potenzjal li jimmina b'mod sistematiku l-indipendenza ekonomika tan-nisa u li jżid ir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali tagħhom (EIGE, 2016)

Referenzi

Black, S. E. u Spitz-Oener, A. (2010), "Explaining women's success: technological change and the skill content of women's work", *The Review of Economics and Statistics*, Vol. 92, No 1, pp. 187–194.

Booth A., Burton, J. u Mumford, K. (2003), "The position of women in UK academic economics", *The Economic Journal*, Vol. 110, pp. 312–333.

Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) (2016), *Id-disparità fl-impjegi bejn is-sessi: sfidi u soluzzjonijiet* (The gender employment gap: challenges and solutions), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Disponibbli fuq: <https://www.eurofound.europa.eu/publications/report/2016/labour-market/the-gender-employment-gap-challenges-and-solutions>

Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) (2016), *Poverty, Gender and Intersecting Inequalities — Review of the implementation of an area A: Women and poverty of the Beijing Platform for Action*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Disponibbli fuq: http://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/ti_pubpdf_mh0416244enn_pdfweb_20161208181320.pdf

Dwar l-istudju

L-istudju dwar il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi huwa uniku fil-kuntest tal-UE. Huwa l-ewwel tat-tip tiegħu li juża mudell ekonometriku robust sabiex tinħoloq stima ta' firxa wiesgħa ta' benefiċċji makroekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'bosta oqsma wesgħin bħall-edukazzjoni, attività tas-suq tax-xogħol u pagi.

Ir-riżultati ġenerali tal-istudju juru li aktar ugwaljanza bejn is-sessi twassal għal:

- bejn 6.3 miljun u 10.5 miljun impjieg addizzjonali fl-2050, b'madwar 70 % ta' dawn l-impjiegi meħuda min-nisa;
- impatti pożittivi tal-PDG li jikbru maż-żmien;
- żieda fil-PDG għal kull ras ta' kważi 10 % fl-2050.

L-istudju uża l-mudell makroekonomiku E3ME sabiex tinħoloq stima tal-impatti ekonomiċi tat-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi. E3ME huwa mudell makroekonomiku empiriku mfassal speċifikament sabiex jifasslu eżiti fil-livelli tal-UE u tal-Istat Membru.

L-eżiti tal-istudju dwar il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE jinkludu disa' pubblikazzjonijiet:

1. Reviżjoni tal-letteratura: evidenza eżistenti dwar il-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-approċċi metodoloġiċi (*Literature review: existing evidence on the social and economic benefits of gender equality and methodological approaches*).
2. Ħarsa ġenerali tal-UE u tal-Istat Membru tal-UE (*EU and EU Member State overviews*).
3. Rapport dwar l-applikazzjoni empirika tal-mudell (*Report on the empirical application of the model*).
4. Kif ġiet prodotta l-evidenza: dokument informattiv dwar il-qafas u l-mudell teoretiku (*How the evidence was produced: briefing paper on the theoretical framework and model*).
5. Kif ġiet prodotta l-evidenza: skeda informattiva dwar il-qafas u l-mudell teoretiku.
6. Impatti ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tal-politika tal-UE: dokument informattiv.
7. Impatti ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi: dokument informattiv.
8. Kif l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni STEM twassal għal tkabbir ekonomiku: dokument informattiv.
- 9. Kif it-tneħħija tad-disparità bejn is-sessi fl-attività u fil-paga tas-suq tax-xogħol twassal għal tkabbir ekonomiku: dokument informattiv.**

Il-pubblikazzjonijiet kollha, ir-riżultati ta' studju dettaljat u l-metodoloġija jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-EIGE.

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-ċentru ta' għarfien tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-EIGE jappoġġja lil dawk li jfasslu l-politika u lill-istituzzjonijiet rilevanti kollha fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa realtà għall-Ewropej kollha billi jipprovvdilhom għarfien espert speċifiku u data komparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

Għal aktar tagħrif:

European Institute for Gender Equality, EIGE

Gedimino pr. 16

LT-01103 Vilnius

LITHUANIA

Tel. +370 52157444

E-mail: eige.sec@eige.europa.eu

<http://eige.europa.eu>

<http://www.twitter.com/eurogender>

<http://www.facebook.com/eige.europa.eu>

<http://www.youtube.com/eurogender>

<http://eurogender.eige.europa.eu/>



ISBN 978-92-9470-088-9
doi:10.2839/487642



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet